**20 ta' April, 1995**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Noel V. Arrigo LL.D.**

Michael Gatt *noe*

*versus*

L-Avukat Philip Sciberras *noe et*

## Danni f'Merkanzija Importata - Responsabbilta' - *Tally Sheet - Gate Pass Out*

*F'kawżi dwar danni f'merkanzija importata, ir-riċerka tar-responsabbilta' hija dejjem riduċibbli għall-eżami taż-żewġ mumenti fokali tal-kwistjoni -*

*(i) meta l-merkanzija tiġi skarikata minn fuq il-bastiment, għal dik li hija r-responsabbilta' ta' l-armatur u*

*(ii) meta l-merkanzija tiġi kkonsenjata lill-importatur mid-Dwana, għal dik li hija r-responsabbilta' ta'* The Cargo Handling Company Limited.

*Għat-tieni parti tar-responsabbilta' - dik ta'* The Cargo Handling Company Limited - *hemm eċċezzjoni jew addizzjoni f'dawk il-każijiet fejn jista', f'ċirkostanzi kongruwi, ikun responsabbli jew ko-responsabbli l-Kontrollur tad-Dwana.*

*Għaż-żewġ mumenti fokali hemm il-prova dokumentarja li għandha* juris tantum *tkun deċiżiva. Meta l-merkanzija tiġi skarikata minn fuq il-bastiment jiġi kkompilat rapport fuq l-istat li fih tinżel il-merkanzija minn abbord - it-*tally sheet*; u għat-tieni mument, qabel il-merkanzija toħroġ mid-Dwana u tiġi kkonsenjata lill-importatur, dan jirrilaxxja ċertifikat lill-Kontrollur tad-Dwana fuq l-istat tal-merkanzija li jkun qed jirċievi l-*Gate Pass Out.

*Dawn iż-żewġ dokumenti għandhom jitqiesu bħal deċiżivi u li jorbtu l-partijiet kollha fil-kawża li għandhom l-opportunita', f'waqtha,* a tempo vergine *li jikkontrollaw u jippreċiżaw ir-reġistrazzjoni ta' l-istat ta' fatt. Provi* a posteriori *ta' dawk iż-żewġ mumenti m'għandhomx valur kontra l-preżunzjoni* juris tantum *li dawk id-dokumenti huma veri u awtentiċi, dokumenti li ġew kkompilati tempestivament u fil-mumenti opportuni.*

Il-Qorti:-

L-att ta' ċitazzjoni fl-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ jesponi illi l-kumpannija G. Grech & Bros. Ltd. (Grech) impurtat tlettax (13)- il-kaxxa ta' magni u utensili domestiċi, permezz tal-bastiment Roro Anglia armat minn "Sea Malta Company Limited" (Sea Malta). Meta l-merkanzija ġiet ikkonsenjata lil Grech dan sab illi din kellha ħsarat u b' hekk huwa sofra danni. Il-merkanzija kienet assigurata mill-"Eagle Star Insurance Company limited" (Eagle) li hija rappreżentata f'Malta minn "Thos C. Smith Insurance Agency Limited" (Smith) u allura din ħallset lil Grech is-somma ta' erbat elef u ħames liri (Lm4005) biex tagħmel tajjeb għad-danni li sofra;

L-att għalhekk jitlob li s-Sea Malta, li ġarret il-merkanzija, jew/u "The Cargo Handling Company Limited" "Handling" li skarikatha minn fuq il-bastiment u eventwalment ikkonsenjatha lil Grech(sic);

Is-Sea Malta eċċepiet illi l-merkanzija niżlet minn fuq il-bastiment, fl-istess stat li kienet fil-port minn fejn tgħabbiet, u l-*Handling*, ukoll, qalet li kkonsenjat il-merkanzija fl-istat li rċevietha;

Il-Qorti ta' l-ewwel grad innominat Perit Ġudizzjarju u rċeviet ir-rapport tiegħu u mbagħad fil-21 ta' Jannar, 1993 tat is-sentenza li essenzjalment tgħid hekk:

*Omissis*;

"Ikkunsidrat:

Illi b'riżultat ta' l-imsemmija ħsara s-soċjeta' attriċi

effettivament ħallset is-somma ta' Lm4,005.80 lill-importatur assikurat tagħha kif jirriżulta mill-irċevuta u surroga kkontenuta fl-iskrittura ta' l-10 ta' Lulju, 1984, Dok. A fol. 9 tal-proċess;

Illi l-valur ta' l-istess danni ma ġiex kwistjonat minn ħadd mill-konvenuti b'xi eċċezzjoni formali. Din il-Qorti ma tara ebda raġuni għaliex m'għandhiex tillikwida d-danni risarċibbli fis-somma ta' Lm4,005 eżattament kif talab l-attur fit-tieni domanda tiegħu;

Għal dawn il-motivi:

Fl-ewwel lok, tiddeċidi billi tilqa' l-eċċezzjoni tal-konvenuti Godwin Abela *et nomine* u għalhekk tiċħad it-talbiet ta' l-attur in kwantu diretti kontra s-soċjeta' The Cargo Handling Company Limited;

Fit-tieni lok, tiċħad l-eċċezzjoni tas-soċjeta' Sea Malta Company Limited u tilqa' t-talbiet attriċi kif dedotti unikament fil-konfront ta' din is-soċjeta';

L-ispejjeż kolha jibqgħu a kariku ta' din is-soċjeta' konvenuta sokkombenti";

Is-Sea Malta appellat billi, fil-fehma tagħha, hija tista' tinsab responsabbli biss għal dak li jirriżulta mid-dokumenti. Is-sentenza tgħid li qed tagħti importanza lit-*tally sheet* iżda mbagħad effettivament tiskarta dak li dan id-dokument jipprova;

Din hija waħda mid-diversi kawżi li jsiru kull sena - dejjem bl-istess xenarju (a) l-importatur jallega danni fil-merkanzija impurtata; (b) jitħallas mill-kumpannija assikuratriċi b'surroga tad-

drittijiet tiegħu; (ċ) l-assikuratriċi tħarrek lill-bastiment u lill-*Handling* biex tieħu lura dak li ħallset;

Jintilef ħafna żmien fi-riċerka tar-responsabbilta' u din, effettivament, hija dejjem riduċibbli għall-eżami taż-żewġ mumenti fokali tal-kwistjoni:

(i) meta l-merkanzija tiġi skarikata minn fuq il-bastiment għal dik li hija r-responsabbilta' ta' l-armatur u

(ii) meta l-merkanzija tiġi kkonsenjata lill-importatur mid-Dwana, għal dik li hija r-responsabbilta' tal-*Handling*;

Għat-tieni parti tar-responsabbilta' - dik tal-*Handling* - hemm eċċezzjoni jew addizzjoni f'dawk il-każijiet fejn jista', f'ċirkostanzi kongruwi, ikun responsabbli jew ko-responsabbli l-Kontrollur tad-Dwana;

Għaż-żewġ mumenti fokali hemm il-prova dokumentarja li għandha *juris tantum* tkun deċiżiva. Meta l-merkanzija tiġi skarikata minn fuq il-bastiment jiġi kkompilat rapport fuq l-istat li fih tinżel il-merkanzija minn abbord - it-*tally sheet*; u għat-tieni mument, qabel il-merkanzija toħroġ mid-Dwana u tiġi kkonsenjata lill-importatur, dan jirrilaxxja ċertifikat lill-Kontrollur tad-Dwana fuq l-istat tal-merkanzija li jkun qed jirċievi - l-*Gate Pass Out*;

Dawn iż-żewġ dokumenti għandhom jitqiesu bħala deċiżivi u li jorbtu l-partijiet kollha fil-kawża li għandhom l-opportunita', f'waqtha, *a tempo vergine*, li jikkontrollaw u jippreċiżaw ir-reġistrazzjoni ta' l-istat ta' fatt. Provi *a posteriori* ta' dawk iż-żewġ mumenti m'għandhomx valur kontra l-preżunzjoni *juris tantum* li

dawk id-dokumenti huma veri u awtentiċi, dokumenti *li* ġew ikkompilati tempestivament u fil-mumenti opportuni;

Wara dan, għalhekk, din il-Qorti bir-rispett kollu jidhrilha li dak li hemm fil-parti kkwotata mir-rapport tal-Perit Ġudizzjarju hija korretta u fejn l-ewwel Qorti ddiskostat ruħha minnu ma kinitx ġustifikata;

*Omissis*;

Għaldaqstant, din il-Qorti qiegħda tilqa' l-appell u tirriforma s-sentenza *appellata fis-sens illi tikkonfermaha fir-rigward tan-*nuqqas ta' responsabbilta` ta' The Cargo Handling Company Limited u ssib lis-Sea Malta Company Limited responsabbli għad-danni li jirriżultaw mit-*Tally Sheet* fol. 107 u llikwidati fis-somma ta' elfejn u erbgħa u għoxrin lira (Lm2024) li l-istess Sea Malta Company Limited hija kkundannata li tħallas lis-soċjeta` attriċi;

Għal dawk li huma l-ispejjeż, Sea Malta Company Limited - li a bażi tat-*Tally Sheet* imsemmija missha ammettiet it-talba limitatament għad-danni li minnha jirriżultaw u dan m'għamlitux għandha tħallas nofs l-ispejjeż taż-żewġ istanzi u n-nofs l-ieħor tħallashom is-soċjeta` *attriċi li kellha tiġi* ggwidata mill-istess *tally Sheet* u ma kellhiex iddaħħal fil-kawża lill-kumpannija konvenuta l-oħra.